MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2015

Numru 40/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**George Attard**

**Emanuel Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, **George Attard**, bin Anthony u Frances nee' Bajada, imwieled fl-20 ta' Frar 1978, residenti fil-fond No. 61, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 5678G u **Emmanuel Buhagiar**, bin Joseph u Georgia nee' Attard, imwieled fis-16 ta' Mejju 1980, residenti fil-fond No. 24, Triq San Gorg, Rabat,

Ghawdex, u deternur tal-karta tal-identita’ bin-numru 11880G, akkuzati talli nhar it-13 ta’ Marzu 2015 u kif ukoll fix-xhur u snin ta’ qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Dahhlu f’Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, inkella fethu jew zammew fabbrika tal-porvli jew ta’ xogholijiet tan-nar, inkella fabbrika ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenzja mill-Kumissarju tal-Puluzija;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hadmu porvli tal-isparar jew ippreparaw dak ix-xoghol f’post mhux licenzjat u hadmu xogholijiet tan-nar jew porvli esploziv, jew esplozivi ohra, f’post iehor li ma kienx fabbrika tan-nar, jew f’fabbrika ohra li jkollha l-licenzja taht l-Ordinanza dwar l-Esplossivi;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zammew ghal bejgh jew haznu porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Puluzija;

4. U akar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqsu li jzommu esplosivi jew sustanzi li jaqbdu malajr hafna go recipjent li ghalihom ma jistax in-nar u hekk boghod mill-porvli tal-isparar jew mir-recipjent li fihom dan il-porvli jkun mizmum li ma jkunx ta’ periklu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellhom kwantita ta’ porvli tal-isparar ta’ izjed minn hames mitt gramm uzin liema porvli ma kienux mizmuma gewwa kaxxa, xkora jew recipjent iehor li jkunu ta’ sahha u maghmulin u maghluqin hekk tajjeb li l-porvli ma jkunx jista’ johrog minnhom;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra id-disposizzjoni tat-Taqsima I ta’ l-Ordinanza dwar l-Esplossivi, zammew fid-dar taghhom jew f’post iehor, jew ikkunsinjaw lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra imsemmijin fl-artikolu 6 tal-imsemmija Ordinanza;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kontra id-disposizzjoni tat-Taqsima I ta' L-Ordinanza dwar l-Esplossivi, garrew minn post ghall-iehor porvli tal-isparar jew esplozivi minghajr permess tal-Kumissarju tal-Puluzija;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tissospendi kull licenzja tan-nar tal-imputati fil-kors ta' dawn il-proceduri u dan skond l-Artikolu 26B tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-licenzja jew licenzji tan-nar mahrugin skont din l-Ordinanza dwar l-Esplozivi u kif ukoll il-qorti ghandha b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza ghandha tapplika l-Artikolu 45A (1)(a) jew 45A (1)(b) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta kif inhu l-kaz;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u dan bl-applikazzjoni tal-Art. 40 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-22 ta' Lulju 2015 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikoli 392A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huwa hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni u sottomissjonijiet tal-partijiet fejn sar qbil dwar il-parametri li tippermetti l-ligi fejn jidhlu l-akkuzi li ammettew l-imputati.

**Il-Fatti**

Il-kaz imur lura ghat-13 ta' Marzu 2015 meta f'*garage* fi Triq Giuseppe Giardini Vella, fir-Rabat, Ghawdex instab porvli u splussiv iehor. Il-*garage* huwa propjeta' tas-**Socjeta' Filarmonika La Stella**, liema *garage* is-Socjeta' kienet ghaddietu liz-zewg imputati biex juzawh bhala *store*, izda mhux biex jinzamm xi splussiv b'mod illegali jew li jahdmu xoghlijiet tan-nar fih.

Iz-zewg imputati kienu membri ordinarji u bandisti tas-Socjeta' imma mhux fil-kumitat.

Illi 'l fuq mill-*garage* hemm il-fond tas-**Socjeta' Filarmonika La Stella** fejn fi tmiem il-gimgha jkunu organizzati attivitajiet inkluz *disco* li ghalih jattendu numru sostanzjali ta' persuni.

Illi l-isplussiv misjub kien ta' periklu serju mhux biss ghall-imputati li kienu qeghdin izommu l-materjal u jahdmu n-nar f'post bla ebda mizuri ta' sigurta' kif ghandhom il-kmamar tan-nar izda kienu qeghdin ipoggu fil-periklu l-hajja ta' kull min jiffrekwenta l-inhawi.

Illi minn dak li rrizulta fl-istharrig tal-pulizija jidher car li l-imputati ma zammewx mal-kelma li taw lid-dirigenti tas-Socjeta', u abbuzaw mill-fiducja li nghataw mill-istess Socjeta'.

Is-Socjeta' ghamlet dikjarazzjoni dwar il-kaz fil-15 ta' Marzu 2015 *"is-Soċjetà Filarmonika La Stella tikkundanna bla riżerva l-att iżolat ta' dawn il-persuni li qed ikunu sospiżi b'effett immedjat. Is-Soċjetà La Stella jiddispjaċiha li, b'riżultat ta' dawn il-fatti sfortunati, f'dawn il-ġranet l-attenzjoni fil-media kellha tiġi ddevjata mill-proġetti kulturali u artistiċi bbażati fuq il-volontarjat li hi twettaq għall-ġid tal-komunità. Il-Kumitat tas-Socjetà Filarmonika La Stella jieħu l-opportunità biex isellem lill-Korp tal-Pulizija fil-ħidma tal-qadi ta' dmirijietu u li miegħu ikkollaborat bi sħiħ fl-aħħar ġranet."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti nnotat dak li stqarret id-Djoċesi ta' Għawdex fl-10 ta' Mejju 2012 permezz Kulleġġ tal-Kappillani fin-**Nota Pastorali dwar il-loghob tan-nar fil-festi.**

*"4. Biex inħarsu aktar is-saħħa fiżika u s-sigurtà ta' kull min għandu x'jaqsam mal-logħob tan-nar, hu neċessarju li:*

*4.1. ikun hemm iżjed ħarsien tal-miżuri ta' sigurtà kemm waqt il-produzzjoni u kemm waqt il-ħruq tan-nar; għalhekk neżortaw li jkun hemm mhux biss ħarsien tal-liġi imma wkoll xi forma ta' awtoregolamentazzjoni li tgħolli l-livell tas-sigurtà;*

*4.2. ikun hemm iżjed kontroll biex il-logħob tan-nar jew materjal esplussiv ma jinħażinx bla permess tal-Liġi;*

*4.3. persuni li m'għandhomx liċenzja biex jaħarqu n-nar ma jitħallewx ikunu preżenti la fil-kmamar tan-nar u lanqas fil-postijiet fejn jinħaraq in-nar; b'mod assolut għall-ebda raġuni persuni taħt l-età ma għandhom jitħallew jersqu lejn in-nar;*

*4.4. jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji ta' sigurtà mhux biss għall-persuni involuti waqt il-ħruq tan-nar imma wkoll għal terzi persuni, waqt il-manifattura, ġarr u ħruq tal-logħob tan-nar;*

*4.5. ikun hemm iżjed infurzar tar-regolamenti u kontrolli anki għall-għarrieda mill-awtoritajiet konċernati."*

Il-Qorti thoss li ghandha terga' tfakkar f'dawn id-direttivi biex hadd ma jabbuza, jikser il-ligijiet tal-pajjiz u dan f'isem xi Qaddis jew iehor.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti tqis li r-reati kommessi mill-imputati huma serjissimi, ghaliex bir-riskju arbitrarju li l-imputati ghogobhom jiehdu sabiex jissodisfaw d-delizzju taghhom, huwa kienu qeghdin ipoggu fil-perikolu mhux biss lilhom infushom u l-proprjeta' mqeghda ghad-disposizzjoni taghhom minn Socjeta' Muzikali b'reputazzjoni tajba hafna, izda wkoll il-hajja ta' tant nies li jiffrekwentaw il-fond ta' fuq il-*garage* kif ukoll ta' perikolu gravi lil persuni ohra li jistghu ikunu ghaddejjin mill-vicinanzi tal-fond. Dawn il-persuni setghu kollha potenzjalment jisfaw vittmi innocenti tal-egoizmu u nuqqas ta' responsabilta' tal-imputati.

Rigwardanti l-piena, dina l-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha, apparti li tirrifletti s-serjeta' tar-reati, isservi mhux biss ta' deterrent ghall-imputati biex ma jergghawx jikkommettu reati simili, kif ukoll ta' deterrent ghal dawk kollha dilettanti tal-loghob tan-nar tal-festi sabiex ma

jintraprendux f'dawn ir-reati jew reati simili, li jistghu ikunu ta' daqstant periklu mhux biss ghalihom infishom, izda wkoll ghal terzi innocent u jikkawzaw vittmi.

**Ikkunsidrat**

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun dik ta' multa, li se tinhadem kif gej.

Il-Qorti rat dak li jipprovdi artikolu 17f tal-Kap 9 fejn *"persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal- multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra"*.

Dwar l-akkuzi 1, 2, 3 u 6 multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), dwar akkuza 4 u 5 multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), dwar akkuza 7 multa ta' elf Ewro (1,000). Minhabba li l-fond fejn instab l-isplussiv mhux propjeta' tal-imputati u ghalhekk il-Qorti ma tistax tordna l-konfiska tal-fond izda minflok qed timponi multa ta' hamest elef Ewro (€5,000) li jammontaw ghal tlettax-il elf u hames mitt Ewro (€13,500) ghal kull imputat, b'kollox bejniethom sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000).

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Art 3, 9, 17, 18, 29 u 30 tal-Kap 33 u artikolu 17f tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannhom multa komplessiva ta' tlettax-il elf u hames mitt Ewro (€13,500) kull wiehed.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hatja ihallsu l-ispejjez nofs kull wiehed li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hatja jonqsu li jhallsu l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-isplussiv maqbud u esebit f'dawn l-atti.

Il-Qorti qeghda tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jezercita' l-poter li ghandu u dan skont Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jidhlu licenzji tan-nar tal-hatja.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------